MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Numru 465/2001

**Il-Pulizija**

**Spettur Dominic Micallef**

**Spettur Stephen Gatt**

**Spettur Sandro Zarb**

**V**

**EL SAYED MOHAMMED AHMED IBRAHIM EL SAYAD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EL SAYED MOHAMMED AHMED IBRAHIM EL SAYAD** ta' disgha w ghoxrin sena bin Mohammed u Thia, imwieled l-Egittu nhar l-hdax ta' Novembru 1974 u joqghod 'Anvi', Triq Wied il-Kappara, Gzira, detentur ta' passaport numru 789728 gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sitta ta' Awissu 2001 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu, u fit-tmienja ta' Awissu 2001 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija fil-Gzira, b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li jkunu gew maghmul b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car permezz ta' strument li jaqta jew iniggez, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Anna Lazur ta' nazzjonalita Pollakka jew gabilha dizordni f'mohha, liema offiza hija gravi u tista ggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn taghha, hekk kif ccertifika Doctor Kevin Navarro Gera MD;

2. Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Anna Lazur ta' nazzjonalita Pollakka kontra l-volunta taghha liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt;

3. Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anna Lazur skond kif iccertifika Doctor Kevin Navarro Gera MD, liema offizi gew maghmula bi strument li jaqta jew iniggez;

4. Tali fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, garr sikkina jew strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

5. Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, hedded lil Anna Lazur bi strument li jaqta jew iniggez;

6. Talli fis-sitta ta' Awissu 2001 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu fl-inhawi tal-Gzira, kkommetta serq ta' basket minn fuq il-persuna ta' Anna Lazur, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin; u

7. Talli matul l-ahhar snin u jew xhur, minghajr m'inghata permess ta' residenza, nizel l-art jew kien f'Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni kif wkoll talli f'Malta ezercita xi professjoni jew xoghol jew kellu kariga jew kien impjegat minn xi persuna ohra jew kien fin-negozju minghajr licenzja minn ghand il-Prim Ministru.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ghoxrin ta' Marzu 2002 esibiti a fol 119 tal-atti odjerni.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tas-sbatax ta' April 2002 li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fuq riferita.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2003.

Rat d-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ghaxra ta' Awissu 2001 **xehed l-Ispettur Stephen Gatt** fejn spjiega li nhar s-sitta ta' Awissu 2001 ghall-habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar l-Pulizija tal-Ghassa ta' Tas Sliema, kienu rcivew rapport minghand ceru Anna Lazur, tfajla ta' nazzjonalita Pollakka, li ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta' filghodu, waqt li kienet sejra d-dar minn The Strand, Gzira, u appuntu kienet ser iddur ghal Triq Belvedere, giet persuna ta' ragel minn wara, hatfitha, kellmitha bl-ingliz u talbitha l-flus. Hija qaltlu li ma kelliex flus, hatfilha l-basket, zvujtjah u meta nnota li verament ma kelliex flus beda jirrabbja hafna, jaghmel idu ma halqha u sikkina u f'hin minnhom taha daqqa bis-sikkina f'wiccha u taha daqqa ta' ponn f'ghajnejha u heddidha li jekk jerga jarha ghamlilha ferm aghar. Hija pproduciet certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Kevin Navarro Gera li jinstab esibit a fol 20 fl-atti markat bhala dokument CSH 11, liema certifikat iddeskriva l-feriti bhala dawk li kienu ta' natura gravi.

Jumejn wara u cioe fit-tmienja ta' Awissu 2001, l-istess Anna Lazur regghet marret l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas Sliema w irrappurtat li ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija ta' dak il-jum, waqt li kienet ghaddejja minn Triq

Ponsomby, l-Gzira, l-istess persuna li kienet iddeskriviet lil Pulizija bhala persuna li zzappap, mar fuqha u reggha hebb ghaliha. Din id-darba qabadha minn idejha, tefaghha mal-entratura ta' garaxx u b'mod irrabbjat qalilha li kien semgha fl-ahbarijiet li hi kienet ghamlet rapport lil Pulizija dwar dak li kien gara jumejn qabel u li l-Pulizija kienu qed jfittxu persuna ta' nazzjonalita Gharbija. Ghal darb'ohra hareg sikkina mill-but u ghamlilha zewg farretti ohra f'mohha u xofftejha ta' taht pero rnexxilha tahrab. Hija ddeskriviet l-aggressur taghha bhala twil cirka hames piedi u hdax il-pulzier, xaghru bin-nokkli, wavy, kulur sewdieni twil sa spallejh, irqieq, liebes iswed u ta' nazzjonalita Gharbija.

Gara li l-Pulizija tad-distrett marru jfittxu persuna bid-deskrizzjoni moghtija lilhom u sabu lil imputat hdejn l-istabbiliment maghruf bhala Millenium Kebab House li jigi f'The Strand, Sliema u dan gie arrestat.

**L-Ispettur Stephen Gatt qal** li huwa kkonfronta lil imputat b'dak li kien gie rappurtat lilu pero huwa cahad li qatt ghamlilha xi haga ghalkemm kien jaf minn kienet peress li kien raha fil-fond maghruf bl-isem Jockers Pub qabel.

**L-Ispettur Stephen Gatt esibixxa l-istqarrija** tal-imputat mehuda minnu b'mod regolari nhar d-disgha ta' Awissu 2001 fejn stqarr is-segwenti:

1. li huwa cahad li kellu x'jaqsam b'kull mod mat-tfajla Pollakka;
2. li huwa kien qed jahdem go blokk t'appartamenti f'Tas Sliema jwahhal tiles ma Abdul Gelir maghruf bl-isem Stephen;
3. illi huwa jzappap ghaliex kien involut f'incident u sabiex jahrab mill-Pulizija, qabez hames sulari u ghamel disgha xhur l-isptar; u
4. illi nhar t-tmienja ta' April 2001 huwa kien qieghed xoghol sas-sitta ma Stephen u wara mar jiehu café mill-fond Black Gold.

**L-Ispettur Stephen Gatt esibixxa** wkoll sikkina minghajr manku u pen knife zghir flimkien ma xi hwejjeg suwed. L-

Ispettur Stephen Gatt stqarr wkoll li waqt li Anna Lazur kienet l-Ghassa tal-Pulizija, gharfet lil aggressur taghha u cioe lil imputat odjern. Ikkonferma wkoll fix-xhieda tieghu tat-tmintax ta' Frar 2002 li minn ricerka li ghamel rrizulta li l-imputat m'ghandux permess jew licenzja sabiex jzomm jew igorr strument li jaqta u bil-ponta.

**PC 43 Sandro Camilleri xehed** li huwa akkumpanja lil Ispettur Stephen Gatt fir-residenza tal-imputat w ikkonferma li l-imputat jitkellem l-ingliz b'mod professjonali.

**L-Ispettur Dominic Micallef xehed w ikkonferma** li kien tkellem mal-vittma u din ikkonfermatlu li l-aggressur taghha kellu difett fiziku fis-sens li kien jzappap. Meta il-vittma giet murija l-imputat fost diversi nies ohra f'identification parade li nzamm l-SAG, hija kkonfermat li kien l-imputat li aggrediha fiz-zewg okkazzjonijiet rappurtati minnha.

**Anna Lazur xehdet** nhar l-ghaxra ta' Awissu 2001 w iddeskriviet dak li kien gralha u cioe li fis-sitta ta' Awissu 2001, hija kienet miexja ghall-habta tas-siegha ta' filghodu l-Gzira, w innotat li kien hemm persuna li kienet qed isegwiha. Din il-persuna, li spjiegat li kien ragel, qabadha minn idejha u staqsiha jekk kelliex flus. Hija minnufih qaltlu li ma kelliex, qabdilha l-basket, zvujtah u rema' l-kontenut tieghu fit-triq. Meta nduna li verament ma kelliex flus, hareg sikkina mill-but u ttanta jferiha f'wiccha u ghamlilha zewg girfiet f'huggbejha, taha daqqa fuq imnehirha u fuq wiccha u kien wara li taha daqqa f'ghajnejha li telaqha. Meta dar hija harset lejh w innotat li kien jzappap. Qalet wkoll li l-aggressur taghha kien kellimha bil-lingwa ingliza.

**Anna Lazur kompliet tghid** li nhar t-tmienja ta' Ottubru 2001, darb'ohra hija kienet qed timxi lejn d-dar, xi hadd qabadha minn dirghajha w imbuttha mal-bieb ta' xi garaxxijiet. Kien ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija. Qalilha biex ma tirrappurtax dak li kien gara u minnufih nnotat li kien l-istess persuna li kien aggrediha jumejn qabel. Huwa reggha hareg sikkina u feriha fuq wiccha,

fuq mohha u xofftejha. Hija kkonfermat li kien l-imputat li kien aggrediha fiz-zewg okkazzjonijiet u meta giet murija l-hwejjeg esibiti hija ma setghetx tikkonferma li kienu l-istess hwejjeg li kien liebes l-imputat meta aggrediha. Mistoqsija jekk setghet titlaq waqt li giet aggredita, x-xhud wiegbet li ma setghetx ticcaqlaq billi giet mizmuma minn spallitha, ghonqha w wiccha.

**Doctor Kevin Navarro Gera xehed** nhar l-ghaxra ta' Awissu 2001 w ikkonferma ic-certifikat rilaxxjat minnu esibit fl-atti bhala dokument CSH 11 w iddeskriva l-feriti li subiet Anna Lazur u b'referenza ghal lacerazzjonijiet qal li dawn aktarx li gew kagjonati permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta filwaqt li abbrazzjonijiet li kellha ma ghonqha, dawn setghu gew kagjonati minn dwiefer. Fil-fehma tieghu hija kellha feriti ta' natura gravi u jhallu marki permanenti [vide fol 27 tal-atti].

Dwar n-natura tal-feriti **Doctor Dino Vella Briffa** nominat mill-Qorti bhala espert Dermatologu, **kkonferma** li tali feriti kienu ta' natura gravi [vide fol 52 tal-atti odjerni].

**Michael Grech**, Executive Officer fl-Ufficju tal-Prim Ministru **ikkonferma** li l-imputat ma kellux permess biex jahdem Malta u lanqas applikazzjoni ma kellu.

**Abdul Jalil Kassab maghruf** hawn Malta **bhala Stephen xehed** li mhux veru li l-imputat jahdem mieghu.

**L-imputat xehed** nhar t-tnejn ta' Dicembru 2002 w ikkonferma l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja. Huwa cahad b'mod kategoriku li kellu x'jaqsam mal-allegata vittma u li qatt messha ghalkemm stqarr li kien raha f'okkazzjoni precedenti fil-fond Jokers Pub.

Illi ghalhekk il-Qorti hija rinfaccata b'zewg versjonijiet konfliggenti ta' fatti u cioe dik esposta mill-vittma li tghid b'certezza li kien l-imputat li aggreditha u dik esposta mill-imputat li jichad b'mod kategoriku li hu kien li aggrediha.

Il-Qorti ghalhekk trid taghmel apprezzament tal-provi prodotti u tax-xhieda mismugha minnha.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm vantaggjata ghal Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija tkun ghexet l-process tul meda ta' zmien u ghalhekk hija f'posizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha u ezaminat l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Din il-Qorti trid taghmel l-ezercizzju taghha skond il-ligi billi taghmel apprezzament taghha tal-provi kif migbura u traskritti fl-atti u dan sabiex tara jekk dak li qed tilmenta minnu Anna Lazur huwiex minnu jew le.  L-apprezzament tal-fatti isir b'od korrett meta jigu mehuda in konsiderazzjoni il-provi u c-cirkostanzi kollha fl-assjem taghhom u mhux b'mod individwali u spezzettat.

Il-konkluzzjonijiet u decizjoni li tasal ghalihom il-Qorti ghandhom ikunu dejjem milqugha wara li dik il-Qorti tkun ikkonsidrat l-fatti w ic-cirkostanzi kollha relevanti ghal kaz.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal artikolu 638(2) tal-Kap 9 fis-sens li xhud wiehed, jekk emnut, ix-xhieda tieghu tkun prova shiha u kompluta minn kollox u dan hu bizzejjed biex tigi ppruvata l-htija tal-persuna akkuzata b'reat u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni ulterjuri minn provi diretti jew indiretti.

Il-Qorti qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u b'mod partikolari ezaminat bir-reqqa kollha x-xhieda mismugha u l-provi kollha ppresentati u thoss li x-xhieda moghtija minn Anna Lazur hija aktar kredibbli.

Il-Qorti nnotat l-konsistenza f'dak li qalet Anna lazur u l-manjiera kif irrakkuntat t-trawma li ghaddiet minnha b'dettal u b'certezza.  Illi fl-ebda stadju ma l-vittma wriet xi dubbju dwar l-aggressur taghha w iddeskriviet lil imputat sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe li kien jitkellem bl-ingliz tajjeb u mill-provi prodotti jirrizulta li huwa l-kaz bl-aktar mod dettaljat; li jzappap, li verament wkoll huwa l-kaz.  Illi d-deskrizzjoni li l-vittma tat dwar l-apparenza

fizika tal-aggressur taghha gie wkoll kkonfermat mill-istess Qorti fid-diversi okkazzjonijiet li ratu fl-awla tul dan il-kaz.

Illi l-imputat ma kienx konsistenti f'dak li qal u anke gie skreditat mill-habib tieghu Abdul Jalil Kassab maghruf hawn Malta bhala Stephen dwar il-fatt li ma jahdimx mieghu u li dakinhar tal-incident mhux minnu li kien mieghu sas-sitta ta' filghaxija.

In vista tas-suespost, **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi kif indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu datata ghoxrin ta' Marzu 2002 esibiti a fol 119 u cioe l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 221, 86, 87, 261(a)(f), 262, 270, 276, 277, 281, 17(b), 20, 2, 23 u 533 tal-Kap 9, l-artikolu 2, 13, 19, 26 u 27 tal-Kap 65, u l-artikolu 6, 11, 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddecidi li ssib lil imputat EL SAYED MOHAMMED AHMED IBRAHIM EL SAYAD hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu**.

**Dwar il-piena:**

Il-Qorti rat li dan huwa kaz serju u jittratta fuq tfajla ta' eta zghira li giet hawn Malta sabiex tistudja u spiccat bi sfregju permanenti f'wiccha, liema ferita f'wiccha ser tibqa tfakkarha f'dan l-incident infelici tul hajjitha kollha.

Illi dan l-incident zgur li nqala minhabba l-egoismu w agir abbuziv w illegali tal-imputat u ghalhekk il-Qorti thoss li piena karcerarja hija l-piena idoneja f'dan il-kaz.

Ghalhekk **il-Qorti tikkundanna lil imputat EL SAYED MOHAMMED AHMED IBRAHIM EL SAYAD ghal piena karcerarja ta' sentejn u nofs mill-liema perjodu <u>ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz</u>.**

In oltre **il-Qorti tordna li una volta jiskadi l-piena inflitta fuqu b'din is-sentenza, l-imputat ghandu jigi mkecci minn dawn il-Gzejjer permezz ta' ordni ta' tnehhija** ai termini tal-artikolu 6 u 11 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Oltre dan il-Qorti tordna wkoll l-konfiska tas-sikkina esibita f'dawn l-atti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------